**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020**

**Talba Nru: 379/2019 PM**

**Noel Muscat (KI 162758(M))**

**Vs**

**Mangion & Lightfoot Ltd (C22032)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2019 illi permezz tieghu l-attur talab li dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li s-socjeta` intimata hija debtrici tar-rikorrenti fis-somma ta' elf, disa' mija u wiehed u erbghin euro u ghaxar centezmi (€1941.10) rapprezentanti servizzi professjonali ta' *accountancy* u servizzi ohra ancillari, moghtija lis-socjeta` intimata fuq ordni taghhom stess u li jordna u jikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas l-istess somma jew somma ohra verjuri bl-imghaxijiet u bl-ispejjez ta' din il-procedura.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz a sostenn tat-talba, senjatament, kopja ta' certifikat rilaxxjat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud favur l-attur, *statement* u fatturi mahrugin mill-attur fil-konfront tas-socjeta` intimata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha ghas-seduti tat-18 ta’ Gunju, 2020 u tal-10 ta’ Lulju, 2020.

Sema’ x-xhieda tac-Chief Operations Officer tal-attur li kkonferma l-ammont hemmhekk mitlub bhala dovut mis-socjeta` konvenuta in rapprezentanza ta’ servizzi professjonali ta’ *accountancy* prestati mill-istess attur. L-istess xhud ikkonferma wkoll li ma sar ebda tentattiv ta’ hlas da parti tal-konvenuti minkejja li gew debitament interpellati jaghmlu dan.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi s-socjeta` konvenuta ghazlet li la tattendi ghas-seduti u lanqas ma tressaq r-risposta taghha ghat-talba u kwindi a tenur tal-art. 13(b) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar**, it-Tribunal jista’ jghaddi ghad-decizjoni abbazi tal-provi migbura.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta dovut skont ix-xhieda bil-gurament tar-rapprezentanti tal-attur liema xhieda baqghet qatt ma giet kontestata. Jirrizulta wkoll li l-ammont dovut jirrapprezenta prezz ta’ diversi servizzi rezi mill-attur lill-konvenuta li hija socjeta` kummercjali. Konsegwentement it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont l-art. 1141 tal-**Kodici Civili** mid-dati tal-fatturi rispettivi kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta’ elf, disa’ mija wiehed u erbghin euro u ghaxar centezmi (€1941.10) rapprezentanti servizzi professjonali moghtija mill-attur lill-istess socjeta` konvenuta, bl-imghaxijiet skont il-ligi u cioe` mid-dati tal-fatturi rispettivi sal-hlas effettiv kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**